# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT (B)

**Mk 1, 1-8**

**IL-BIDU**

**Mk:1:1] Il-Bidu ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla.**

Mhuwiex Vanġelu li tispjegah għax kollox jiġi spjegat fil-Vanġelu kollu.

**« Bidu » :** Mhuwiex biss il-bidu ta' rakkont, imma huwa "*archê*" (Grieg), jiġifieri bidu li minnu ġej kollox. "*Archê*" jeħodna fil-bidu tal-ħolqien: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (Ġen 1,1) u kien minn dan il-bidu assolut u uniku li minnu ħarġet il-kelma li toħloq: "U Alla qal: 'Ħa jkun id-dawl.' U d-dawl sar" (Ġen 1,3). Kollox kien maħluq permezz ta' din il-Kelma. Fil-Vanġelu ta' Ġwanni (Ġw 1,1) "*archê*" hija magħżula biex tippreżenta t-tħabbira tal-Vanġelu bħala ħolqien ġdid.

Mark jara f'Ġesu' l-bidu ta' dan il-ħolqien ġdid. Huwa dik il-Kelma tal-Missier li għandha fiha il-qawwa li kapaċi tiġġenera l-bniedem għall-istess ħajja t'Alla (ara Ġw 1,12-13): ***'Davar'*** *(bl-ebrajk)*, torbot il-Kelma t'Alla mal-istess azzjoni tiegħu. Id-*Davar* Mark jarah proprju inkarnat f'Ġesu'. Huwa dawk is-smewwiet ġodda u l-art ġdida msemmija minn Isaija (Is 65,17; 66,22) u kontemplati minn Ġwanni fl-Apokalissi (Ap 21,1). Il-bidu tal-Vanġelu hu għalhekk il-bidu ta' storja ġdida maħsuba u maħluqa mill-Missier sa mill-eternita' (Ef 1,4).

**« Evanġelju » :** *(euanghelion)*, mhijiex kwalsiasi aħbar tajba, imma hija l-unika u vera "Aħbar Tajba" li tista' tinteressa l-qalb tal-bniedem. Mhijiex ideoloġija, liġi morali, duttrina, imma hija Persuna. Ma' persuna ħajja hemm relazzjoni u dinamika li dejjem tinbidel. L-ewwel insara użaw dan it-terminu biex jadottaw it-tħabbira pubblika tas-salvazzjoni minn Ġesu' (ara Gal 2,2; Rum 2,1.16; 1 Tess 2,9). Għalhekk dan huwa l-bidu tas-salvazzjoni ta' kull persuna. Kull 'bidu' ta' kull azzjoni tiegħi għandhom ifissru relazzjoni ġdida ma' Kristu.

**« Ġesù Kristu » :** L-Aħbar it-Tajba ma tinstabx f'kelma, imma fi bniedem konkret, il-'midluk' (il-Kristu), il-magħżul, il-mistenni tal-istorja kollha, dak li kellu jeħles il-poplu. *« L-ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin »* (Lq 4,18 ; Is 58,6). Huwa ħellies, f'kull

sens (ħelsien minn kull biża', minn kull tfixkil fil-ħajja spiritwali, mid-dnub…..).

**« l-Iben ta' Alla »** : Mark huwa maqsum f'żewġ partijiet : L-ewwel parti twassal għall-Professjoni tal-Fidi ta' Pietru li jagħraf fi Kristu *« Inti l-Messija »* (8,29) u t-tieni parti twassal għall-professjoni tal-fidi taċ-ċenturjun *: « Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla »* (15,39). Kristu ser jeħles lill-bniedem bil-qawwa tad-divinita' tiegħu.

**IL-KELMA LI SER TITĦABBAR**

**[Mk:1:2] Bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta, 'Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek.**

**« Bħalma hu miktub » :** Mark jafferma li l-istorja ta' Ġesu' sseħħ f'kontinwita'.

**« 'Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek. »**

Mark jgħaqqad żewġ profeziji f'waħda (Malakija 3,1 u Iżaija 40,3) u jattribwihom it-tnejn lil Isaija. Kemm Malakija u kemm Isaija jitkellmu fi żmenijiet u ċirkustanzi diversi.

Malakija jitkellem mill-anġlu (messaġġier) mibgħut mill-Mulej biex "inaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa. U tibda togħoġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari" (Mal 3,3-4). Dan jikkorrispondi għax-xewqa profonda fil-bniedem li jinbidel.

**[Mk:1:3] Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu,'**

**« Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert » :** Mark juża l-istess kelmiet ta' Isaija (40,3) meta Iżrael kien fl-eżilju tal-Babilonja, tilef it-tempju meqrud mill-armata ta' Babilonja, tilef artu meqjusa bħala art qaddisa u li ġiet profanata mill-preżenza tal-pagani…tilef it-tama li jerġa' lura fl-Art Imwiegħda. Fejn kollox jidher mitluf u l-wegħdiet ta' Alla jidhru li għosfru fix-xejn Iżaija jgħolli leħnu u jara li l-ħelsien għal Iżrael huwa fil-qrib.

Iż-żewġ profeziji jitkellmu minn tama għal ħajja ġdida, għal stat ta' ħelsien. Biex wieħed jiltaqa' mal-Mulej irid ikollu fih ix-xewqa għal ħajja aħjar u għal ħelsien sħiħ.

**« biex iħejji triqtek » :** Alla ma jridx jidħol fil-ħajja tal-bniedem f'salt. Huwa jipprepara : « u bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jien inħejji għalikom» (Lq 22, 29) ; « Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu » (Ġw 14,2b). Minn hawn joħroġ il-kmand : « Ħejji ruħek, biex tiltaqa' ma' Alla tiegħek, O Iżrael » (Għam 4,12).

**U SER TIDĦOL FL-ISTORJA**

**[Mk:1:4] hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet.**

L-Aħbar it-Tajba tidħol fix-xena permezz tal- Battista bħala messaġġier mibgħut biex iħejji t-triq tal-Mulej. Kienet l-aħħar għajta profetika defittiva.

Ġwanni ma jaffrontax l-istituzzjonijiet reliġjużi imma jmur direttament fuq l-individwi: jgħinhom jagħrfu u jerfgħu huma r-responsabilita' personali.

Id-deżert huwa l-post fejn ġie ffurmat il-poplu, fejn kiber u fejn mexa; huwa l-post tal-prova, tad-diffikultajiet, tal-waqgħat, tat-tentazzjonijiet. Imma huwa anke l-post fejn hemm il-Kelma, il-fedelta' t'Alla, il-ħajja fraterna. Id-deżert jirrappreżenta l-ħajja tal-bniedem.

**« Jgħammed » :** Is-sens grieg tal-kelma ***baptizo*** ifisser 'jgħaddas fl-ilma'. Il-persuna 'tmut' fl-ilma biex minnu toħroġ f'ħajja ġdida. Għal Mark id-deżert għandu l-istess funzjoni tal-ilma: jgħinhom post li jista' joqtol lill-persuna (bil-ġuħ, bil-għatx u bis-solitudni) li 'togħdos' fih.

**« jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet » :** Il-verb ***'kerisso'*** fil-grieg juri l-ħidma tal-ħabbar li iħabbar b'vuċi għolja dak li kiteb sidu. Jgħid li Alla jrid li l-persuna kollha (li togħdos fl-ilma) tikkonverti, f'bidla radikali u tibda tfittex li tiltaqa' mal-Mulej li ġej. Il-magħmudija offruta minn Ġwanni hija sinjal tar-rieda tal-bniedem li jbiddel ħajtu, li jibda jimxi fid-direzzjoni it-tajba.

**IT-TWEĠIBA TAL-BNIEDEM GĦALL-KELMA**

**[Mk:1:5] U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom.**

Ġwanni jattira folla kbira fejn "kulħadd" iħossu interpellat (tal-belt u tar-reġjun Lhudi).

**« jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan » :** Il-Ġordan kien post sinjifikattiv. Dawk li kienu jmorru hemm setgħu jgħixu mill-ġdid il-mixja ta' Iżrael huwa u jaqsam ix-xmara Ġordan qabel ma daħal fl-Art Imwiegħda (Ġoż 3, 14-17). Jinsabu miexja mhux biex jieħdu l-art, imma biex jiltaqgħu mal-Mulej li ġej.

**« jistqarru dnubiethom » :** Il verb grieg ***'eksomologhéo'*** ma jfissirx biss li n-nies kienet togħdos fl-ilma, imma wkoll tistqarr pubblikament id-dnubiet. Kien mod responsabbli ta' min ried b'determinazzjoni jbiddel ħajtu u jħejji t-triq biex jilqa' l-Messija.

**[Mk:1:6] Ġwanni kien jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ.**

Kemm l-ilbies kif ukoll l-istil tal-ħajja jikkaratterizzawh bħala profeta, bħala Elija l-ġdid, huwa deskritt bħala "raġel liebes mantar tax-xagħar, u mħażżem bi ħżiem tal-ġild ma' qaddu" (2 Slaten 1,8). Il-ħajja tiegħu fid-deżert, f'ħajja ta' essenzjalita' bħalma kienet dik tal-profeta Elija hija 'figura' tal-konverzjoni.

**L-GĦAŻLA KONTINWA U FUNDAMENTALI TA' KRISTU**

**[Mk:1:7] U kien ixandar u jgħid: " min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu.**

Il-ħidma tal-Battista kienet kollha orjentata lejn Ġesu' u għas-servizz tiegħu. Hija l-ħidma ta' kull dixxiplu. Ħajtu bla Ġesu' kienet tfisser falliment.

Tliet elementi fil-konfront ta' Ġesu' mal-Battista:

**« Ġej warajja » :** Ġwanni jiftaħ it-triq għal Ġesu' "warajja" (v.7). kif imbagħad Ġesu' fit-tmien tar-rakkont tal-Vanġelu jiftaħ it-triq lill-appostli billi jmur qabilhom il-Galilija ħalli jibdew il-missjoni tagħhom.

**« aqwa minn » :** fil-grieg **"'*iskiròs*'** (b'referenza għall-ġisem: f'saħħtu u mimli enerġija u fl-AT. f'sens metaforiku huwa attribwit lil Alla).

**« ma jistħoqqlix » :** Espressjoni li turi d-distanza li hemm bejn il-Battista u Ġesu' li hija l-istess ta' bejn il-bniedem u Alla.

**[Mk:1:8]Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu."**

Il-Mulej jdaħħalna fil-ħajja divina tiegħu. Għalhekk minn issa 'l quddiem ma aħniex aħna li mmexxu l-istorja tagħna, imma Alla, preżenti f'Ġesu', li jbiddel il-faqar tagħna f'don ta' salvazzjoni. B'hekk huwa jagħti bidu għal ħolqien ġdid u definittiv (ara Eżek. 37).

Id-deżert (il-post fejn wieħed jagħraf id-dnub tiegħu) ifakkarna li Alla qatt ma mhu ser jabbanduna l-poplu tiegħu.